MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Numru 1069/2006

Il-Pulizija
(Sp Louise Calleja)
vs
Christopher Ellul, iben Emanuel,
imwieled tas-Sliema fis-16
ta’ ġunju, 1968

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fir-Raħal il-Ġdid, ġewwa l-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin, fl-10 ta’ ottubru, 2006, għal ħabta tad-9.00 a.m. ikkometta attentat vjolenti għall-pudur fuq il-persuna ta’ Rania Pace Tajuri;
2. talli sar reċidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali billi kkometta reat wara diversi sentenżi li saru definittivi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ ottubru, 2006 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50 u 207 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta’ tmien xhur priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi ta’ dan il-każ jidher ċar li l-imputat għandu bżonn għajnuna serja u għalhekk tħeġġeġ lid-Direttur tal-Faċilita’ Korrettiva biex jizgura li l-imputat jirċievi l-għajnuna kollha possibbli.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------